# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 3 ta' Marzu 2016**

**Kawza Numru : 16**
**Rikors Numru : 967/2015/LSO**

**Joseph Muscat (ID 411860(M))**

**vs**

**Rita Caligari (ID 885152(M))**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors *ai termini* tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ta' Joseph Muscat datat 13 ta' Ottubru 2015 fejn espona: -

Illi b'sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Muscat vs Rita Caligari) (Citazz Nru:

1312/94AJM) tat-12 ta' Ottubru 1994 (Dok. A) ir-rikorrent gie kanonizzat kreditur tal-intimata Rita Caligari fis-somma ta' hamest elef, seba' mija u tmiejna u erbghin Liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm5,748.49) ekwivalenti ghal tlettax-il elf, tlett mija u disghin ewro u tmienja u tietin centezmu (€13,390.38) bhala sorte, bl-imghax skont l-istess sentenza u bl-ispejjez gudizzjarji li jammontaw ghal hames mija u hamsa u hamsin ewro u sitta u sittin centezmu (€555.66) (inkluz VAT) skont it-taxxa (Dokumenti annessi u mmarkati bhala Dok. B u Dok C);

IIIi l-intimata hallset biss hames mitt liri Maltin ekwivalenti ghal elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) mill-ammont dovut;

Illi ghaddew aktar minn ghaxar (10) snin mid-data tal-imsemmija sentenza li ghadha ma gietx ezegwita;

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzah jezegwixxi kontra l-intimata, l-imsemmija sentenza moghtija minn l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet fuq indikati fit-12 ta' Ottubru 1994 ghas-somma ta' tnax-il elf, mitejn u hamsa u ghoxrin ewro u disgha u sittin centezmu (€12,225.69) u l-ispejjes gudizzjarji ammontanti ghal hames mija u hamsa u hamsin ewro u sitta u sittin centezmu (€555.66) oltre l-interessi legali sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-ewwel (1) ta' Dicembru 2015.

Rat li minkejja li l-intimata giet notifikata bil-procedura tal-affissjoni fit-23 ta' Novembru 2015 kif jidher *a tergo* ta' fol 19 tal-process, baqghet ma pprezentat l-ebda risposta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Tlieta, 23 ta' Frar 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Franco Vassallo ghall-attur prezenti. Il-konvenuta msejha tliet darbiet ma dehritx. Xehed bil-gurament tieghu l-attur Joseph Muscat, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza qed tigi differita ghas-sentenza ghat-3 ta' Marzu 2016 fid-9:30a.m., b'dan li l-konvenuta kontumaci hi awtorizzata tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet sal-1 ta' Marzu 2016, bin-notifika tad-difensur tal-kontro-parti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz ta' dan il-kaz, ir-rikorrent qieghed jitlob *ai termini* **tal-Artikolu 258(a) tal-Kap 12** biex sentenza li nghatat aktar minn ghaxar snin ilu, u li ghaddiet in gudikat terga' tigi ezegwibbli. Ghalhekk, qed jintalab li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-12 ta' Ottubru 1994 (**Dok A** – fol 4-6) tigi reza ri-ezegwibbli; fejn ir-rikorrent kien gie kanonizzat kreditur tal-intimata Rita Caligari fis-somma ta' hamest elef, sebgha mija u tmienja u erbghin Liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm5,748.49) ekwivalenti ghal tlettax-il elf tliet mija u disghin ewro u tmienja u tletin centezmu (€13,390.38) bl-imghax u bl-ispejjez gudizzjarji ta' dik is-sentenza jammontaw ghal hames mija u hamsa u hamsin ewro u sitta u sittin centezmu (€555.66).(**Dok B u C** – fol 7-8). Illi *stante* li kien thallas ammont mill-intimata, ta' elf, mija u erbgha u sittin ewro, u disgha u sittin

centezmu (€1164.69), ir-rikorrenti qed jipprocedi ghall-ammont ta’ tnax-il elf mitejn u hamsa u ghoxrin ewro u disgha u sittin centezmu (€12.225.69) fil-kaz odjern.

Illi l-artikolu premess gie emmendat bl-Att IV tal-2016 (IV.2016,12) fejn it-terminu ta' ezekuttivita' ta' sentenzi u digrieti zdied minn ghaxar snin ghall-hmistax-il sena. L-emmendi introdotti b'dana l-Att dahhlu fis-sehh fil-15 ta' Frar 2016.Madanakollu l-kaz odjern jmur lura oltre hmistax-il-sena u ghalhekk l-procedura odjerna ghadha mehtiega.

Illi fil-kaz in ezami, r-rikorrent ikkonferma bil-gurament illi l-intimata baqghet ma hallset xejn minn dak dovut minnu mill-bidu tal-kawza sal-lum.[1]

Illi l-imsemmi **artikolu 258** huwa espressament maħsub biex jirregola l-eżekuzzjoni ta’ titoli eżekuttivi li jkun għadda minn fuqhom żmien minn meta setgħu jkunu eżegwiti. Dan huwa hekk għaliex kull titolu eżekuttiv għandu ħajja limitata u determinata sa meta tista’ ssir l-eżekuzzjoni tiegħu. Wara li jgħaddi ż-żmien preskritt, tista’ titħaddem il-proċedura msemmija fl-artikolu 258;

L-artikolu tal-ligi li abbazi tieghu qeghda ssir din il-procedura, cjoe` l-Artikolu 258 tal-Kap 12, mhuwiex intiz biex issir komputazzjoni mill-gdid tal-bilanc tal-kreditu dovut lir-rikorrent. Izda dan l-artikolu tal-ligi hu mmirat specifikatament sabiex sentenza tkun tista’ tigi ri-ezegwibbli wara li jkun ghadda t-terminu taz-zmien stabbilit, u jigi verifikat li ghad hemm il-hlas dovut.

[1] Seduta tat-23 ta’ Frar 2016 (fol 32)

Illi gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana, li fl-ambitu tal-Artikolu 258 tal-Kap 12:

*"….l-unika konsiderazzjoni li ghandha taghti din il-Qorti f'procedura bhal din, hija biss dwar l-ezekuzzjoni tas-sentenza u l-ezistenza tal-istess sentenza, u wkoll li tordna l-ezekuzzjoni tas-sentenza biss ghall-ammont kanonizzat li jkun ghadu ma thallasx……..."*[2].

Jirrizulta li l-intimata hija kontumaci. *"Hu pacifiku li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni."* **("Charles Saliba s Salvu Borg" -** Appell 27-6-1997) u "skont kif dejjem gie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumacja ghandha tigi interpretata wkoll bhala oppozizzjoni u l-Qorti ghalhekk tidhol f'certi dettalji li thoss illi huma mehtiega biex tistabbilixxi l-verita` tal-fatti." (**"Ruth Apap vs Noel Apap"** – PA. FDP 30-6-1995, u "**Emanuel Spiteri et vs Benedetta Meilak noe."** PA AF 15-1-2014).

Ghalkemm, il-kontumacja, hija meqjusa fid-dritt bhala kontestazzjoni, izda din il-Qorti qieset b'reqqa l-kontenut tar-rikors promotorju, qieset ukoll bir-reqqa, d-dokumenti annessi mal-istess rikors. Wara li ghamlet il-kostatazzjonijiet taghha din il-Qorti hi sodisfatta mill-fondatezza tat-talba tar-rikorrent.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-kontumacja tal-konvenuta tilqa' t-talba

[2] **Joseph Perici Calascione vs Mario Fenech** P.A. (RCP) deciza fit-12 ta' Dicembru 2000, **HSBC Bank Malta plc vs John Dalli et** P.A. (RCP) deciza fit-18 ta' April 2002**, McBen's Ltd. Vs Mario Grech et** P.A. (236/14) deciza fit-12 ta' Mejju 2014, **Bank of Valletta plc vs Mixer Ltd. Et** P.A. (146/15LM) deciza fl-14 ta' Ottubru 2015.

tar-rikorrent *ai termini* tal-artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tawtorizza l-ezekuzzjoni mill-gdid tas-sentenza fl-ismijiet **"Joseph Muscat vs Rita Caligari"** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-12 ta' Ottubru 1994 u konsegwentement tordna lill-intimata thallas lir-rikorrent l-ammont dovut ta' tnax-il elf, mitejn u hamsa u ghoxrin ewro, u disgha u sittin centezmu (€12,225.69) u l-ispejjes gudizzjarji ammontanti ghal hames mija u hamsa u hamsin ewro u sitta u sittin centezmu (€555.66) oltre l-interessi legali sal-pagament effettiv.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimata.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**3 ta' Marzu 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**3 ta' Marzu 2016**